# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 17**

**Rikors numru 63/2018/1 MH**

**Kunsill Lokali Birkirkara**

**v.**

**Winston Carbone u Direttur Ġenerali għax-Xogħlijiet għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li l-Kunsill attur ressaq fit-23 ta' Jannar, 2018, u li jaqra hekk:

> "1. Illi permezz ta' Avviż tat-Talba tal-5 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet 'Winston Carbone Vs Kunsill Lokali Birkirkara u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2016 issejjah fil-kawza Direttur Generali Dipartiment tax-Xoghlijiet u Infrastruttura fi hdan il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura' l-konvenut talab lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar jikkundanna lill-Kunsill attur iħallas is-somma ta' elfejn tmien mija u sebgħa u sittin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,867.99)

spejjeż ta' danni allegatament inkorsi minnu fil-vettura tiegħu meta skond hu fl-10 ta' Ottubru 2013 huwa kien qiegħed isuq il-vettur KBJ342 ġewwa Triq il-Wied, B'kara meta kienet nieżla ħafna xita l-vettura tiegħu allegatament niżlet ġo ħofra fonda fl-imsemmija triq li kienet mgħottija bl-ilma b'mod li l-ħofra ma kinitx tidher bir-riżultat li l-vettura tiegħu sofriet danni estensvi fir-rota u fis-suspension tant li kellha titgħabba fuq trailer tal-RMF

2. Illi permezz ta' digriet tad-9 ta' Diċembru 2015 it-Tribunal ordna korrezzjoni l-korezzjoni sabiex minflok Triq il-Wied jidħlu l-kliem 'ġewwa triq sekondarja bl-isem ta' Triq il-Qasab Birkirkara'.
3. Illi permezz ta' sentenza tas-7 ta' April 2017 it-Tribunal qata' u iddeċieda li l-Kunsill Lokali attur huwa responsabbli għad-danni kawżati lill-attur; li l-kjamat fil-kawża ma hux responsabbli għal tali danni u laqa' t-talba tal-konvenut ġja attur limitatament għas-somma ta' elfejn mitejn u sebgħa u u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,297.99) u ordna lil Kunsill Lokali Birkirkara sabiex iħallas is-somma ta' elfejn mitejn u sebgħa u disgħin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,297.99) lill-konvenut Carbone u bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija dekoribbli mid-data tas-sentenza. L-ispejjes kollha ġew ordnati a karigu tal-Kunsill Lokali Birkirkara.
4. Illi l-esponenti ħassu aggravat minn din is-sentenza u interpona umili appell minnha.
5. Illi permezz tas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2017 il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ċaħdet l-appell tal-attur u ikkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill.
6. Illi l-proċeduri istitwiti permezz tal-Avviż tat-Talba sureferit u dawk l-proċeduri kollha sussegwenti huma lkoll nulli stante li l-proċedura kkontemplata fl-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta ma ġietx irrispettata mill-konvenut Carbone. Dan il-privileġġ proċuderali huwa wieħed ta' ordni pubbliku u ma jistax jiġi sanat u b 'hekk l-Avviż tat-Talba u dawk l-atti kollha li segwewh huma lkoll nulli u bla effett.
7. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**GĦALDAQSTANT u għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponenti umilment jitlob li dina l-**Onorabbli Qorti jogħġobHa tiddikjara

1. Tiddikjara li l-Avviż tat-Talba tal-5 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet Winston Carbone Vs Kunsill Lokali Birkirkara li b'digriet tal-25 ta' Frar, 2016 issejjaħ fil-kawża Direttur Generali Dipartiment tax-Xoghlijiet u Infrastruttura fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura ref: 165/2015 bħala illegali, irritwali u nulli u għalhekk mingħajr effett legali;

2. Tiddikjara għalhekk li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet 'Winston Carbone Vs Kunsill Lokali Birkirkara u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2016 isejjah fil-kawża Direttur Ġenerali Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura deċiża fis-17 ta' Novembru 2017 ma' tagħmilx fronti fil-konfront tal-attur; u"

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Winston Carbone li in forza tagħha eċċepixxa:

> "1. Preliminarjament l-irritwalita' tar-rikors guramentat billi qieghdha hawn tintuza procedura inawdita legalment meta l-uniku mod illi wiehed jista' jiehu b 'mod legali sabiex sentenza li tkun inghatat minn Qorti ta' Sekond Istanza kif kienet is-sentenza moghtij in Prim'Istanza mit-Tribunal tat-Talbiet Zghar kienet illi tintalab ir-ritrattazzjoni fl-Appell haga din li ghal xi raguni jew ohra li jafuha biss il-membri tal-kumitat tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u s-Sindku tieghu qatt ma saret u m'ghadx tista' legalment issir billi ghadda z-zmien perentorju msemmi mill-ligi.
>
> 2. Minghajr l-ebda pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll huwa inawdit legalment illi persuna jitlob in-nullita ta' sentenza meta din it-talba pero in via ta' eccezzjoni saret kemm quddiem il-Qorti ta' Prim'Istanza, ara sentenza **Dokument A** kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri, ara sentenza **Dokument B** u meta kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell cahdu l-istess talba bl-izjed mod determinat u inekwivoku sabiex it-talba kontenuta fir-rikors promotur m'hi xejn ghajr appell mill-Qorti tal-Appell li mhiex legalment koncepibbli f'dan il-pajjiz.
>
> 3. Bla ebda pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u fil-meritu l-ebda Qorti sahansitra anke Qorti ta' Sekond Istanza la ghandha u inqas u inqas tista' tiddisturba decizjoni mehuda minn Qorti ta' Prim'Istanza meta din tkun iddecidiet kif ghamlet wara li tkun qieset l-eccezzjoni legali li tkun giet tresqet quddiemha u saru s-sottomissjonijiet fuq l-istess principju dan li ilu jezisti u segwit minn meta il-Qrati taghna bdew jezistu. Dana izjed u izjed meta si tratta dwar il-procedura stabbilita mill-ligi in kwantu si tratta ta' kawzi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar li ghandhom jitmexxew u jigu decizi principarjament fuq l-ekwita u mhux fuq in-nitty gritt legalistiku ta' min naqas li jinghata ragun meta qatt ma kellu u ghax jahseb li huwa ghandu mill-omnipotenza ghax jippretendi wkoll li l-huta zghira qatt ma belghat lill-kbira jibqa' jinsisti bi kwalunkwe mod, sewwa jew mhux biex il-gustizzja ma ssirx u tghaddi tieghu akkost ta' kollox. Dana ghal raguni unika li hawn si tratta ta' Gvern ossia awtorita' governattiva.
>
> 4. Fl-ahharnett u billi, qed jigi sottomess din il-kawza hija assolutament wahda frivola u vessatorja ghandha ggib ghal fuqha mhux biss l-istemerrija ta' din l-Onorabbli Qorti izda wkoll l-imposizzjoni ta' spejjez addizzjonali msemmija fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jekk mhux ukoll timxi skont il-paragrafu 10 (2) tal-istess skeda.

Ghaldaqstant l-esponenti jirrijitera t-talba tieghu illi d-domandi attrici jigu michuda billi nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana bl-ispejjez kontra tieghu."

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet li in forza tagħha eċċepixxa:

"Illi l-mezzi ordinarji li tipprovdi il-liġi ġew eżawriti stante li kien hemm deċiżjoni fis-7 ta' April 2017 fejn it-Tribunal iddeċieda li l-Kunsill Lokali huwa responsabbli għad-danni kawżati lil attur filwaqt li l-esponent kjamat in kawża ġie meħlus minn kull responsabilita' u dan kollu ġie kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Novembru 2017.

Illi se mai r-rikorrent setgha intavola proċeduri ta' rittrazzjoni iżda dawn ma sarux.

Illi għalhekk il-każ huwa ormaj Res Judicata.

Illi l-kawża odjerna hekk kif intavolata mhix legalment stipulata fil-liġijiet tal-procedura.

**Għaldaqstant** l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti effett lis-sentenza ta' l-Appell tas-17 ta' Novembru 2017."

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu, 2019, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

"1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Winston Carbone u tiddikjara l-irritwalita' tar-rikors ġuramentat tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara in kwantu qiegħed jipprova jottjeni n-nullita' u l-irritwalita' tal-proċeduri Rik Nru 165/15 fl-ismijiet *Winston Carbone vs Kunsill Lokali Birkirkara et* li huma diġa' definittivament deċiżi mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), u għalhekk l-azzjoni odjerna tal-Kunsill attur mhijiex legalment possibbli fis-sistema nostrali;

2. Tiċħad it-talbiet attriċi;

3. L-ispejjeż tal-kawża jkunu kollha a karigu tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara".

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**Ikkunsidrat:**

Il-kontendenti kienu parti f’kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar l-eżitu ta’ liema kien li l-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara ġie kundannat iħallas is-somma ta’ €2,297.99 lil Winston Carbone bħala danni. Il-Kunsill kien appella iżda l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kienet ikkonfermat is-sentenza tal-istess Tribunal. Il-Kunsill Lokali msemmi issa pproċeda bl-intavolar tal-kawża in eżami fejn qed jitlob dikjarazzjoni li l-proċeduri msemmija quddiem it-Tribunal huma illegali, irritwali u nulli u għalhekk mingħajr effett legali u konsegwentment anke s-sentenza tal-Qorti tal-Appell għandha tiġi meqjusa li ma tagħmilx stat fil-konfront tal-Kunsill. L-unika bażi li fuqha l-Kunsill attur qiegħed jitlob in-nullita’ tal-proċeduri msemmija hija li l-proċedura kkontemplata fl-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ma ġietx rispettata minn Winston Carbone u dan peress li qabel ma fetaħ il-proċeduri quddiem it-Tribunal huwa ma bagħatx l-ittra uffiċjali rikjesta skont id-dispożizzjoni tal-liġi ċitata. Il-Kunsill isostni li tali ittra uffiċjali hija pre-rekwiżit u waħda ta’ ordni pubblika li ma tistax tiġi sanata u b’hekk fil-fehma tiegħu l-Avviż tat-Talba quddiem it-Tribunal u l-atti kollha sussegwenti huma lkoll nulli u bla effett.

Għar-raġunijiet mogħtija fir-risposti ġuramentati rispettivi tal-konvenuti, oltre għal eċċezzjonijiet ta’ natura preliminari, fil-mertu entrambi rrespinġew il-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. PROVI**

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fil-**5 ta’ Marzu 2015** Winston Carbone ntavola proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar Nru 165/15 fl-ismijiet “***Winston Carbone vsKunsill Lokali Birkirkara u b’digriet tal-25 ta’ Frar, 2016 issejjaħ fil-kawża Direttur Ġenerali Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura”***;

ii. L-attur talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu s-somma ta’ €2,867.99c spejjeż ta’ danni inkorsi minnu fil-vettura tiegħu meta fl-10 ta’ Ottubru, 2013 filwaqt li kien qed isuq bil-mod il-vettura tiegħu bin-numru ta’ registrazzjoni KBJ 342 ġewwa Triq il-Qasab, B’Kara u kienet niżlet ħafna xita, il-vettura tiegħu niżlet ġo ħofra fonda fl-imsemmija triq li kienet mgħottija bl-ilma b’mod li l-ħofra ma kienetx tidher bir-riżultat li l-vettura msemmija sofriet danni estensivi fir-rota u fis-suspension tant li kellha titgħabba fuq trailer tal-RMF;

iii. Il-Kunsill ressaq eċċezzjonijiet biss fil-mertu u dawn kienu jgħidu li (a) it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li hija infondata kemm fil-fatt u fid-dritt; (b) preliminarjament il-Kunsill konvenut mhux il-leġittimu kontradittur stante li l-manutenzjoni tal-imsemmija triq ma taqax fil-mansjoni tiegħu u (ċ) bla preġudizzju, anke li kieku l-Kunsill

huwa responsabbli għall-imsemmija triq mhuwiex responsabbli għall-imsemmi inċident. Għaldaqstant it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess;

iv. Minn naħa tiegħu id-Direttur Ġenerali Dipartiment tax-Xogħolijiet l-Infrastruttura fi hdan il-Ministeru Trasport u l-Infrastruttura eċċepixxa li (a) t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; (b) preliminarjament id-Dipartiment mhux il-leġittimu kuntradittur stante li qatt ma għamel xogħol fit-triq mertu ta' din il-kawża; (ċ) il-fatt li kien hemm devjazzjoni ma jfissirx li tali devjazzjoni hija responsabbilita' tad-Dipartiment; (d) id-Dipartiment mhux responsabbli għall-manutenzjoni tat-triq in kwistjoni fejn sar l-inċident u għaldaqstant it-talba kontra d-Dipartiment għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

v. Fil-**25 ta' Frar, 2016** it-Tribunal ċaħad it-talba tal-Kunsill sabiex iressaq eċċezzjoni ulterjuri ta' nullita` stante li t-talba tal-attur ma ġietx preċeduta b'ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

vi. **Is-sentenza tat-Tribunal ingħatat fis-7 t'April 2017**[1] u fiha l-Kunsill Lokali instab responsabbli għad-danni kawżati lil Winston Carbone. L-istess Kunsill ġie kundannat iħallsu s-somma ta' €2,297.99c bl-imgħax legali ta' 8%;

vii. **Fl-20 t'April 2017** il-Kunsill intavola appell minn dik is-sentenza. Wieħed mill-aggravji kien li t-Tribunal żbalja meta ċaħad it-talba tal-appellanti sabiex jagħti eċċezzjoni ulterjuri ta' nullita' minħabba li Winston Carbone ma segwiex il-proċedura kontemplata fl-artikolu 460(1) tal-Kap. 12;

viii. **Fis-17 ta' Novembru 2017** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat is-sentenza tagħha permezz ta' liema ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tat-Tribunal[2]. Dwar l-aggravju msemmi dik il-Qorti qalet hekk –

> *"It-tieni aggravju jirrelata għad-digriet mogħti mit-Tribunal fil-25 ta' Frar, 2016 li bih ċaħad it-talba tal-appellant sabiex jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri li biha jinvoka n-nullita' tal-proċeduri minħabba l-artikolu 460(1) tal-Kap. 12. Eċċezzjoni li min-natura tagħha messha ngħatat fil-bidu tal-proċeduri. Mhijiex skuża li fil-bidu tal-proċeduri l-appellant kien qiegħed jibbaża d-difiża tiegħu fuq l-eċċezzjoni li ma kienx il-leġittimu kontradittur minħabba li Triq il-Wied ma taqax fir-responsabbilta' tiegħu. Nullita' sseħħ irrispettivament jekk il-konvenut huwiex leġittimu kontradittur jew le. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jagħti dik l-eċċezzjoni fit-tweġiba li ppreżenta fis-16 ta' Marzu, 2015. Il-qorti żżid li l-artikolu 9(3) tal-Kap. 380 jipprovdi:*
>
> *Ebda proċediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minħabba fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi formalita' sakemm wieħed ikun mexa b'mod*

[1] Fol 26 et seq
[2] Fol 33 et seq

*konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew mar-regoli magħmula taħtu". Fiċ-ċirkostanzi l-ilment tal-appellant hu mingħajr bażi."*

ix. Xehed **Emanuel Sciriha, Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali** li kkonferma li qabel ma ġew intavolati l-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma ġie ntavolat ebda att ġudizzjarju ieħor fk-istess ismijiet. Mill-atti preżentati[3] ma rriżultax li in segwitu għall-appell kienet saret xi talba għal ritrattazzjoni.

**B. EĊĊEZZJONI PELIMINARI**

Il-Qorti hija tal-fehma li għandha tgħaddi minnufih biex teżamina **l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Winston Carbone** li tgħid hekk –

" *Preliminarjament l-irritwalita' tar-rikors ġuramentat billi qiegħdha hawn tintuża proċedura inawdita legalment meta l-uniku mod illi wieħed jista' jieħu b'mod legali sabiex sentenza li tkun ingħatat minn Qorti ta' Sekond Istanza kif kienet is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri wara li din ikkonfermat is-sentenza mogħtija in Prim'Istanza mit-Tribunal tat-Talbiet Zgħar kienet illi tintalab ir-ritrattazzjoni fl-Appell haġa din li għal xi raġuni jew oħra li jafuha biss il-membri tal-kumitat tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u s-Sindku tiegħu qatt ma saret u m'għadx tista' legalment issir billi għadda ż-żmien perentorju msemmi mill-liġi."*

Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet –

1. **L-artikolu 460 (1) tal-Kap 12** li n-non osservanza tiegħu da parti tal-konvenut Winston Carbone huwa l-pern li fuqu nbniet l-azzjoni attriċi fil-każ tal-lum jipprovdi hekk -

*"460. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar."*

2. Bħala fatt jirriżulta mill-atti li ebda att ġudizzjarju ma kien ġie ntavolat qabel ma nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-każ fl-ismijiet Nru 165/15 fl-ismijiet "*Winston Carbone vs Kunsill Lokali Birkirkara et*";

3. **IŻDA** jirriżulta wkoll bħala fatt li l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' preżentata ta' dan l-att ġudizzjarju diġa' ġiet ventilata kemm quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u huma diġa' taw il-ġudizzju tagħhom fir-rigward. Infatti kif muri fl-elenku tal-provi fis-suespost, il-Kunsill Lokali fil-mori tas-smiegħ tal-proċeduri quddiem it-Tribunal kien ressaq bla suċċess

[3] Fol 47

talba sabiex jissolleva eċċezzjoni ulterjuri ta' nullita` stante li t-talba tal-attur ma ġietx preċeduta b'ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Addirittura mbagħad il-Kunsill, insodisfatt b'din id-deċiżjoni tat-Tribunal ipproċeda biex fl-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell, mill-uniċi żewġ aggravji li ressaq iddedika wieħed minnhom proprju fuq dan il-punt u għal darb'oħra l-Qorti tal-Appell ċaħdet l-ilment tiegħu għar-raġunijiet li diġa' ġew kwotati fis-sentenza tal-lum;

4. Ċirka xahrejn wara il-Kunsill attur intavola l-proċeduri odjerni fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti biex tiddikjara n-nulla' u l-irritwalita' tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar u li konsegwentement lanqas is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma tagħmel effett fil-konfront tiegħu;

5. Tenut kont tal-fatt li kif diġa' ngħad aktar qabel din it-talba fil-kawża odjerna hija mibnija fuq l-istess ilment li diġa' tressaq u ġie deċiż kemm mit-Tribunal kif ukoll mill-Qorti tal-Appell u ċioe' li l-proċedura a tenur tal-artikolu 460 tal-Kap 12 ma ġietx segwita, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha l-Qorti fiċ-ċirkustanzi hija li l-azzjoni attriċi mhi xejn ħlief "appell minn appell ġja deċiż", azzjoni li mhijiex permissibbli skont il-liġi nostrali. **La anke l-Qorti tal-Appell diġa' tat il-ġudizzju finali tagħha dwar din il-kwistjoni l-Kunsill attur m'għandu a dispożizzjoni tiegħu ebda mekkaniżmu legali ieħor li bih jista' jerġa jittanta "jappella" – fil-vesti kamuffata ta' kawża ġdida – minn dak il-ġudizzju li huwa ormai *res judicata*.** Infatti kif inhuwa stipulat fl-**artikolu 227 tal-Kap 12** –

***M'hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell."***[4]

6. Naturalment u għal fini ta' kompletezza jingħad illi l-uniku mezz legali li bih tista' tiġi attakkata kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, huwa permezz ta' talba għal ritrattazzjoni a tenur tal-artikolu 811 tal-Kap 12 purche' tali talba tkun għal waħda mir-raġunijiet indikati f'dak l-istess artikolu. Ma jirriżultax mill-provi pero' li fil-każ tal-lum il-Kunsill intavola xi proċeduri għal ritrattazzjoni tal-proċeduri Rik Nru 165/15 in eżami;

7. Ferm il-premess il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal każ fl-ismijiet **Av Dottor Larry Formosa noe vs Peter Camilleri et deċiż fit-8 ta' Jannar 2019**[5] fejn kienet infetħet azzjoni simili għal dik tal-lum b'rikors ġuramentat permezz tal-liema talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li proċeduri li kienu diġa' ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti jiġu dikjarati bhala illegali, irritwali u nulli u għalhekk mingħajr effett legali. F'dik il-kawża wkoll kienet ingħatat eċċezzjoni simili għal dik li l-Qorti qegħda tiddelibera dwarha llum u ċioe' li legalment ma huwiex mogħti d-dritt

[4] Enfasi ta' din il-Qorti.
[5] Rik Gur 9/17

lil xi ħadd li permezz ta' kawża jattakka l-eżistenza ta' kawża oħra jew ta' sentenza ġia deċiża.

8. Il-Qorti fil-kawża msemmija kellha dan xi tgħid dwar il-punt in kwistjoni -

*"Illi kif sew jissottomettu l-konvenuti fis-sottomissjonijiet tagħhom ikun opportun li din l-Qorti tibda billi fl-ewwel lok tħares lejn it-tieni eċċezzjoni preliminari u ċioe' jekk huwiex mogħti d-dritt lil xi ħadd li permezz ta' kawża jattakka l-esistenza ta' kawża oħra jew ta' sentenza deċiża'. Dan l-għaliex jekk jirriżulta li ma huwiex mogħti dan id-dritt allura l-kawża odjerna tiġi miċħuda ab inizio.*

*Illi minn qari tar-rikors ġuramentat u b'mod partikolari tat-talbiet attriċi huwa evidenti li dak li qed jittentaw jottjenu l-atturi minn din il-Qorti huwa r-restitutio in integrum, u ċioe' li jerġa' jitqiegħed kollox fl-istess posizzjoni li kienu qabel ma ngħatat is-sentenza minnhom impunjata. Infatti huma talbu li r–rikors ġuramentat numru: 17/2015PC fl-ismijiet Peter Camilleri et vs Avukat Dr Jean Paul Grech noe jigi dikjarat bħala wieħed '…illegali, irritwali, u nulli u għalhekk mingħajr effett legali.'*

*F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni tagħha Inferjuri u li ġġib id-data tat-12 ta' Lulju 1965 fl-ismijiet:* ***Leone Misrahi vs Giuseppe Cassar et*** *fejn dik il-qorti rriteniet li r-restitutio in integrum bħala istitut indipendenti ta' impunjazzjoni ta' sentenza definittiva ġie abolit meta fis-sistema tal-liġi tagħna ġie organizzat l-istitut ta' ritrattazzjoni. Dak l-istitut kien applikat in bażi għal dak li kien konsiderat il-'jus comune' tagħna, cjoe', tad-Dritt Ruman kif modifikat minn liġijiet u konswetudinijiet partikolari u nfluwenzat mid-Dritt Kanoniku. Bis-saħħa tal-liġijiet il-ġodda r-rimedju tar-restituzzjoni kellu jitqies abbolit bħala kuntrarju u nkonsistenti mar-rimedju tar- ritrattazzjoni. Intqal li 'Del resto anqas jidher li jagħmel sens illi l-liġi mill-banda l-waħda tgħid (kif jgħid l-artikolu 816 (illum art. 813) tal-Kodiċi ta' Proċedura) illi r-ritrattazzjoni ma tingħatax ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 814 (illum 811) u tistabilixxi ż-żmien perentorju li fih ir-ritrattazzjoni tista' tintalab, u fl-istess ħin, wieħed jippretendi mill-banda l-oħra illi b'dana kollu, sentenzi jistgħu jiġu revokati u l-kawżi ritrattati f'każijiet oħra wkoll indeterminati meta suppost ikun hemm 'ġusta kawża' u bla regolament la ta' forma u lanqas ta' żmien u dan b'rimedju ieħor li, għal kull effett u fini prattiku, mhux ħlief ritrattazzjoni b'isem ieħor'*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***Caterina Gerada vs Avv. Dr Antonio Caruana,*** *fir-rigward l-istitut ta' r-restitutio in integrum l-Onorabbli Qorti ta' l-Appelliddikjarat kif isegwi:*

*'Meta l-liġi tagħti l-mezzi sabiex fl-interess tagħhom il-partijiet jagħmlu użu minnhom ħalli jwaqqgħu sentenzi, anke li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jiġux fil-fatt minnhom adoperati huma ma jibqalhomx rimedju ieħor għal dak il-fini, u dan barra milli għar-raġunijiet li ntqalu fuq għall-presunzjoni tal-verita', li għandha jkollha setgħa u tikkopri kwalunkwe kawża ta' nullita', peress illi l-kawżi għandhom ikollhom terminu u jispiċċaw xi darba'.*

*Relevanti wkoll għall-mertu tal-kawża odjerna huwa dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Salvatore Fenech vs Emmanuele Borg*** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' April 1962 fejn ingħad:*

*'Jekk sentenza tingħata meta l-konvenut ma kienx ġie notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni, ir-rimedju tal-konvenut biex jimpunja dik is-sentenza mhuwiex dak li jitlob b'kawża oħra n-nullita' ta' dik is- sentenza, imma jew ir-rimedju ordinarju tal-appell, jew ir-ritrattazzjoni'.*

*Illi dawn il-pronunzjamenti għandhom isibu l-applikazzjoni tagħhom għall-mertu tal-kawża odjerna. Huwa ċar li l-azzjoni tal-atturi, li biha qegħdin jitolbu n-nullita', l-irritwalita' u l-illegalita' tas-sentenza hija improponibbli. L-atturi qegħdin jitolbu riżultat li ma jistax jigi ottenut bil-procedura adoperata. Mill-banda l-oħra, l-atturi kellhom a disposizzjoni tagħhom żgur ir-rimedju stabbilit bil-liġi u ċioe' dak* ***ordinarju*** *tal-appell u dak* ***straordinarju*** *tar-ritrattazzjoni. Tant hu hekkli fil-fatt jirriżulta li l-istess atturi preżentaw appell tat-terz kontra l-istess deċiżjoni li permezz tal-proċeduri odjerni qed jitolbu li tiġi dikjarata llegali, irritwali, nulla u għalhekk mingħajr effett legali.*

*Kif ġia ngħad jirriżulta li fis-seduta tad-19 ta' April 2018 ġie vverbalizzat li 'Il-partijiet jaqblu illi l-konvenuti huma eżentati mill-prova illi fir-rigward tal-kawża numru 17/2015 sar appell tat-terz minn l-atturi odjerni, liema fatt*
*huwa kkonfermat'. Illi għalhekk minn hawn joħroġ biċ-ċar li l-atturi odjerni fil-fatt għamlu użu mill-mezz ordinarju ta' appell tat-terz. Di fatti l-Artikolu 226 sub-artikolu 1 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula l-mezz tal-appell li permezz tiegħu għandha tiġi mpunjata sentenza kif isegwi:*

*'(1) L-appell isir b'rikors li jiġi preżentat fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza'.*
*Il-liġi tipprovdi wkoll għar-rimedju ta' ritrattazzjoni ai termini ta' l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli l-oħra sussegwenti.*

*(.......)*

*Illi għalhekk jirriżulta li din il-kawża qatt ma setgħet legalment issir stante li ma tikkonsistix f'wieħed mir-rimedji ordinarji permissibli mill-liġi li permezz tiegħu tista' tiġi attakkata sentenza w'għalhekk isegwi li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija ġjustifikata u jistħoqq li tiġi milqugħa. La darba ser tiġi milqugħa t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti jsegwi li din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni aktar tal-kawża odjerna u ma jibqala l-ebda alternattiva għajr li tiċħad it-talbiet kollha attriċi.*

***Deċiżjoni:***

***Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta w'tiddeċiedi l-kawża odjerna billi filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li ssostni li ma huwiex mogħti d-dritt lil xi ħadd li permezz ta' kawża jattakka l-eżistenza ta' kawża oħra jew ta' sentenza gia deċiża, per conseguenza, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi.***

***Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur nomine."***

Dwar l-attakk tal-gudikat u n-nuqqas ta' permissibilta' għal dan ingħad fil-provediment fl-ismijiet **FourX Ltd. vs Mediterraen Flowers Product Ltd.**[6] li:-

*"Illi l-prinċipju msemmi fil-premess ġie deskritt tajjeb mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza bl-ismijiet **Anna Magro v. Emmanuela Psaila f'isimha proprju għal kull interess li għandha u bħala leġittima rappresentanti ta' binha minuri Peter Paul Psaila datata s-6 ta' Diċembru 2002:***

*"Il-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in mertu għall-azzjoni kien imissha jew setgħet tiġi sollevata in relazzjoni ma l-azzjoni stess. U meta hemm il-ġudikat mhumiex ammissibbli eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom bħala effett li jiddistruġġu jew jirrestrinġu l-effett tal-ġudikat. In-nullitajiet jistgħu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bħala regola ġenerali, il-liġijiet u d-dottrina, u l-liġi tagħna in partikolari, ma jiffavorux in-nullitajiet; anzi jippropendu kemm jista' jkun għat-teżi tal-validita tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. Anki fejn in-nullita hija dikjarata espressament mil-liġi, hija ma toperax qatt waħedha b'mod li, jekk l-att ikun sentenza, tnaqqas 'motu proprio' il-karattru ta' ġudikat ta' dik is-sentenza; imma huwa meħtieġ li dik in-nullita tiġi proposta mill-interessati fi żmien utli u b'wieħed mill-mezzi li trid u biss tirrikjedi l-liġi.*

*Meta s-sentenza tgħaddi f'ġudikat, għax ma tiġix appellate jew ritrattata, jew għaliex, jekk appellata jew ritrattata, tiġi konfermata, hija ssir irrevokabbli; u ma jkunx aktar leċitu li tinfetah diskussjoni fuqha, lanqas jekk tkun, forsi, inġusta.*

*Għax jekk min hu interessat ma jużax mir-rimedju li tagħtih il-liġi biex iwaqqa' sentenza bħala nulla, ma għandux raġuni jilmenta mill-inflessibilita tal-prinċipju ta' l-irrevokabillita tas-sentenza Illi b'dan il-Qorti spjegat li anke meta n-nullita tissemma espressament mil-liġi din trid titqajjem bħala eċċezzjoni, jew tul is-smiegħ ta' kawża, jew fl-istadju ta' appell jew ritrattazzjoni;"*

9. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula mill-Qorti llum, kif ukoll fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali appena ċitati li l-Qorti tabbraċċja fl-intier tagħhom u tagħmilhom tagħha, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha hija li l-eċċezzjoni tal-konvenut Winston Carbone dwar l-irritwalita' tar-rikors ġuramentat fil-proċeduri odjerni timmerita li tiġi akkolta. Il-leġislatur ħa ħsieb li jipprovdi rimedji legali speċifiċi sabiex jiġu attakkati sentenzi tal-Qorti u dan permezz tal-proċedura tal-appell jew ta' ritrattazzjoni jekk ikun il-każ. Ma hemm ebda rimedju ieħor maħsub għalhekk fil-liġi tal-proċedura. **Anzi din il-Qorti tmur oltre u tgħid li l-ażżjoni kif proposta ma hija xejn anqas minn erezija legali**. Jekk dawn il-mezzi legali msemmija jew liema minnhom jiġu utilizzati mill-parti leża iżda mingħajr eżitu ta' suċċess ma jifdal ebda rimedju ieħor disponibbli fil-liġi li jista' jiġi adoperat sabiex tiġi attakkata s-sentenza tal-Qorti. Dan anke fl-ispirtu tal-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt li kawża għandu jkollha bidu u tmiem

6 Rikors Mandat ta' Inibizzjoni 1235/2011 RCP deċiż 05/10/2012

> definittiv mingħajr ma wieħed jibqa' b'kull mod jipprova jwaqqa' sentenzi tal-Qrati *ad infinitum*."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Kunsill Lokali li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "joghgobha tilqa' dan l-appell thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attrici. Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

7. Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur Ġenerali li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti tiċħad l-appell u tiġi kkonfermata s-sentenza tad-29 ta' Marzu, 2019;

8. Rat ir-risposta tal-konvenut Carbone li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta:

> "li l-appell odjern ghandu jigi meqjus bhala appell frivolu, fieragh u vessatorju u din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tichdu immedjatament ai termini tal-Art 195(7) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti u tikkundanna ukoll lill-Kunsill Appellant jhallas l-ispejjez ghal-darbtejn ai termini tal-Art 223(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta."

9. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

11. Illi f'din il-kawża l-Kunsill attur qed jipprova jwaqqa' sentenza ta' din il-Qorti, sede inferjuri, bħala nulla u bla effett peress li qed isostni li meta

infetħet il-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, din il-kawża ma kinitx preċeduta b'ittra uffiċjali kif kontemplat fl-Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba wara li osservat li fl-ordinament ġuridiku tagħna ma hemmx mod kif sentenza finali tal-qrati tiġi mħassra jekk mhux bil-proċedura ta' ritrattazzjoni, li ma ġietx utilizzata mill-Kunsill attur f'dan il-każ.

12. Il-Kunsill attur appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u jsostni li dak li trid il-liġi bl-Artikolu 460 imsemmi huwa ta' ordni pubbliku u kellu jitqajjem anke *ex ufficio* mill-Qorti.

13. Din il-Qorti tqis l-appell kompletament fieragħ u vessatorju u huwa ta' għajb li l-avukat jippresta ruħu għal appelli u/jew kawżi ta' din ix-xorta. Il-kawża li kien fetaħ il-konvenut Winston Carbone quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Talba numru 165/15) ġiet deċiża minn dak it-Tribunal fis-7 ta' April, 2017, u minn din il-Qorti, sede inferjuri, fis-17 ta' Novembru, 2017, u dan wara appell li ressaq il-Kunsill attur. Quddiem il-Qorti tal-Appell, ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta' nullità peress li ma ġietx segwita l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 460 tal-imsemmi Kap. 12, iżda dak l-aggravju ġie miċħud. Dik is-sentenza ta' din il-Qorti issa għaddiet in ġudikat, u ma tistax tinbidel jekk mhux bil-proċedura ta' ritrattazzjoni kif kontemplat fl-Artikolu 811 *et seq.* tal-imsemmi Kap. 12. Il-prinċipju hu li *res judicata pro veritate accipitur* u ma tistax titħassar bil-mezzi ordinarji.

14. Il-ġudikat jassorbi kull eċċezzjoni li tqajmet fil-kawża jew li setgħet titqajjem, u darba li l-meritu tal-kawża ikun ġie deċiż, il-kwistjoni hi magħluqa. Ma jistax ikun li parti f'kawża tipprova tiftaħ proċeduri ġodda bil-għan li tressaq eċċezzjoni ġdida li setgħet titqajjem waqt is-smigħ tal-kawża oriġinali. Anke jekk dik l-eċċezzjoni tkun waħda ta' ordni pubbliku, jekk ma tiġix sollevata meta u kif peskritt bil-liġi, ma jista' jkollha ebda effett fuq is-sentenza finali. Din il-Qorti trid iżżid li hu dubjuż kemm eċċezzjoni bażata fuq l-Artikolu 460 hija ta' ordni pubbliku, meta tqis li hemm sentenzi li jgħidu li dak il-"privileġġ" imsemmi fl-artikolu huwa rinunzjabbli mill-awtorità governattiva mħarrka, bħal meta tressaq ir-risposta tagħha għat-talbiet tal-attur mingħajr ma tirrileva dan in-nuqqas.

15. Kif uriet l-Ewwel Qorti, il-qrati tagħna mhux l-ewwel darba li osservaw li sentenza li hi ġudikat ma tistax titħassar b'xi mezz ordinarju. Hekk intqal minn din il-Qorti, sede inferjuri, fil-kawża fl-ismijiet "Azzopardi v Grech", deċiża fil-15 ta' Mejju, 1992, fis-sens illi ma kien hemm ebda mezz kif sentenza tista' tiġi dikjarata nulla barra r-rimedju ordinarju ta' appell u dak straordinarju ta' ritrattazzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Sciberras v. Hili", deċiża fis-7 ta' Novembru, 1989, esprimiet l-istess ħsieb u dan għal każ li kawża ġiet deċiża qabel id-data tad-differiment u meta allura kien skada ż-żmien tal-appell. Anke f'dan il-każ, hu ċar li l-proċedura wżata mhux kontemplata fil-liġi u t-talba għandha tiġi miċħuda.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, jitħallsu mill-Kunsill Lokali appellant u peress li tqis dan l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, għall-finijiet tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iħallas ukoll, bħala spejjeż addizzjonali, is-somma ta' elf ewro (€1,000) lir-Reġistratur tal-Qrati.

Inoltre, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-imsemmi Kap. 12, tikkundanna lill-istess Kunsill iħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr